**Ministeru għall-Edukazzjoni**

**POŻIZZJONI TA' GĦALLIEM SUPPLIMENTARI FIL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni (MFED) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal m'huwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MFED jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni (MFED), jilqa' applikazzjonijiet għall-posizzjoni ta' Għalliem Supplimentari fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni.

1.2. L-applikanti jistgħu japplikaw għall-posizzjoni ta' Għalliem Supplimentari f'wieħed jew aktar mis-suġġetti li jidhru hawn taħt:

1. Edukazzjoni Primarja (Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti);
2. Edukazzjoni Primarja (Ġenerali);
3. Edukazzjoni Sekondarja (Agribusiness)
4. Edukazzjoni Sekondarja (Teknoloġija tal-Inġinerija);
5. Edukazzjoni Sekondarja (Etika);
6. Edukazzjoni Sekondarja (Hairdressing u Beauty);
7. Edukazzjoni Sekondarja (Saħħa u Kura Soċjali);
8. Edukazzjoni Sekondarja (Ospitalità);
9. Edukazzjoni Sekondarja (Teknoloġija tal-Informatika);
10. Edukazzjoni Sekondarja (Xjenza);
11. Edukazzjoni Sekondarja (Litteriżmu u Numeriżmu);
12. Edukazzjoni Sekondarja (Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti);
13. Edukazzjoni Sekondarja (Media Literacy);
14. Edukazzjoni Sekondarja (Żvilupp Personali, Soċjali u fil-Karriera - PSCD);
15. Edukazzjoni Sekondarja (Retail);
16. Edukazzjoni Sekondarja (Moda u Tessuti);
17. Edukazzjoni Sekondarja (Computing u/jew Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni);

18. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Accounting);
19. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Għarbi);
20. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Arti);
21. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Bijoloġija);
22. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Studji tan-Negozju);

23. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Kimika);
24. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ċiniż);
25. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Żfin);
26. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Rećtar);
27. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Disinn u Teknoloġija);
28. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ingliż);
29. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Studji Ewropej);
30. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Franċiż);
31. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ġografija);
32. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ġermaniż);
33. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Komunikazzjoni Grafika);
34. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Storja);
35. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ekonomija għad-Dar (HE);
36. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Taljan);
37. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Malti);
38. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Matematika);
39. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Mużika);
40. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Edukazzjoni Fiżika (PE);
41. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Fiżika);
42. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Reliġjon);
43. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Russu);
44. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Studji Soċjali);
45. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Spanjol);
46. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Studji Klassiċi);
47. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Ekonomija);
48. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Engineering Drawing and Computer Aided Design);
49. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Xjenza Ambjentali);
50. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Teknoloġija tal-Informatika u/jew Computing);
51. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Marketing);
52. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Filosofija);
53. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Psikoloġija);
54. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Soċjoloġija);
55. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Systems of Knowledge);
56. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Theatre and Performance);

1.2.1. Suġġett tal-Programm għal Tagħlim Alternattiv (ALP) għall-edukazzjoni mainstream jew skola/skejjel speċifiċi

57. Edukazzjoni Sekondarja (Agribusiness u Ġardinaġġ);
58. Edukazzjoni Sekondarja (Ħaddiem tal-Aluminju);
59. Edukazzjoni Sekondarja (Arti u Disinn);
60. Edukazzjoni Sekondarja (Auto Mechanics);
61. Edukazzjoni Sekondarja (Automotive Repair - Body and Paint);
62. Edukazzjoni Sekondarja (Inġinerija Bażika);
63. Edukazzjoni Sekondarja (Snajja' tas-Servizzi tal-Bini);
64. Edukazzjoni Sekondarja (Care Work);
65. Edukazzjoni Sekondarja (Karpenterija);
66. Edukazzjoni Sekondarja (Customer Care u Bejgħ);
67. Edukazzjoni Sekondarja (Installazzjonijiet Elettriċi u Elettronika Bażika);
68. Edukazzjoni Sekondarja (Induratura taż-Żejt u l-Ilma);
69. Edukazzjoni Sekondarja (Hairdressing);
70. Edukazzjoni Sekondarja (Multi-Media u Applikazzjoni tal-Informatika u Komunikazzjoni);
71. Edukazzjoni Sekondarja (Paper Making and Book Binding);
72. Edukazzjoni Sekondarja (Personal and Beauty Care);
73. Edukazzjoni Sekondarja (Plumbing);
74. Edukazzjoni Sekondarja (Fuħħar u Ċeramika);
75. Edukazzjoni Sekondarja (Sheet Metal/Blacksmith);
76. Edukazzjoni Sekondarja (Welding and Fabrication);

1.2.2. Suġġett tal-Edukazzjoni Speċjali fiċ-Ċentri tar-Riżorsi/Klassijiet tar-Riżorsi

77. Edukazzjoni Speċjali (Disinn u Teknoloġija);
78. Edukazzjoni Speċjali (Ġenerali);
79. Edukazzjoni Speċjali (Ekonomija għad-Dar (HE);
80. Edukazzjoni Speċjali (Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni ICT);
81. Edukazzjoni Speċjali (Xjenza);
82. Edukazzjoni Speċjali (Żvilupp Personali, Soċjali u fil-Karriera (PSCD);
83. Edukazzjoni Speċjali (Edukazzjoni Fiżika (PE);

1.2.3. Skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni tagħha hu:

- fl-Accounting jew fl-Ekonomija tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Studji tan-Negozju u/jew Retail;
- l-iStudji tan-Negozju jistgħu wkoll ikunu meħtieġa biex jgħallmu r-Retail;

- fil-Bijoloġija, Kimika jew Fiżika tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Xjenza;
- id-Disinn u Teknoloġija jistgħu wkoll ikunu meħtieġa biex jgħallmu l- Komunikazzjoni Grafika;
- fl-Engineering Drawing u Computer Aided Design (CAD) tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Komunikazzjoni Grafika;
- fl-Ingliż tista' tkun mitluba tgħallem ukoll l-Ingliż bħala Lsien Barrani fiċ-Ċiklu tal-Primarja/Sekondarja;
- fil-Komunikazzjoni Grafika tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Disinn u Teknoloġija;
- Moda u Tessuti bi ECTS/ECVET credits rilevanti għall-Ekonomija għad-Dar (HE) tista' tintalab tgħallem ukol Tessuti u Moda u/jew l-Ekonomija għad-Dar (HE);
- fix-Xjenza bi ECTS/ECVET credits rilevanti għall-Kimika tista' tintalab tgħallem ukoll il-Kimika;
- fix-Xjenza bi ECTS/ECVET credits rilevanti għall-Bijoloġija tista' tintalab tgħallem ukoll il-Bijoloġija;
- fix-Xjenza bi ECTS/ECVET credits rilevanti għall-Fiżika tista' tintalab tgħallem ukoll il-Fiżika;
- fil-Malti tista' tkun mitluba tgħallem ukoll il-Malti bħala Lsien Barrani fiċ-Ċiklu tal-Primarja/Sekondarja.

1.3. Persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni tagħha hija l-Arti, Etika, Xjenza, Mużika, PE jew PSCD (Sekondarja/Post-Sekondarja) tista' tintalab tgħallem ukoll is-suġġett rispettiv fiċ-Ċiklu tal-Primarja u Kindergarten.

1.4. Persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni tagħha hija kwalunkwe suġġett mgħallem fil-Livell sekondarju u/jew post-sekondarju f'klawsola 1.2 hawn fuq tista' tintalab tgħallem ukoll is-suġġett rispettiv fiċ-Ċentri tas-Sapport ta' Tagħlim u/jew skejjel li joffru Programmi għal Tagħlim Alternattiv.

1.5. Persuna magħżula biex tgħallem il-Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti tkun meħtieġa li tgħallem aktar minn suġġett wieħed fi ħdan dan il-programm.

1.6. Jekk suġġett li bħalissa huwa mgħallem f'ċiklu partikulari u jibda jiġi mgħallem f'ċiklu differenti, il-persuna magħżula tista' tiġi trasferita skont il-ħtieġa.

1.7. Persuna magħżula li tkun ingaġġata biex tgħallem il-Litteriżmu u n-Numeriżmu tista' tkun meħtieġa li tgħallem aktar minn suġġett wieħed fil-programm u tista' tiġi skjerata biex tgħallem f'ċiklu differenti inkluż fis-Sezzjonit tat-Tagħlim għall-Immigranti.

1.8. Persuna magħżula tista' tintalab tagħmel kull taħriġ speċjali skont il-bżonn.

**Tul tal-assignment u kundizzjonijiet**

2.1. Il-kandidat magħżul jiġi ngaġġat bħala Għalliem Supplimentari mill-MFED. Dan l-ingaġġ ikun fuq bażi ta' kuntratt definit għal sena waħda (1) skolastika jew inqas, li jista' jiġġedded għal perijodi oħra.

2.2. It-tmiem tal-kuntratt ta' xogħol jiġi ddeterminata permezz tal-wasla ta' data speċifika jew minħabba xi avveniment speċifiku, bħal, imma mhux biss, l-impjieg ta' għalliem ikkwalifikat, ir-ritorn għall-impjieg ta' għalliem ikkwalifikat u/jew tnaqqis fil-ħtieġa tan-numru ta' għalliema f'xi ċiklu/suġġett/qasam, jew xi provvedimenti oħra, skont liema waħda tkun l-ewwel minnhom.

2.3. Il-pożizzjoni ta' Għalliem Supplimentari fi Skala ta' Salarju 9 u Skala ta' Salarju 10 hija soġġetta għal perijodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar u fi Skala ta' Salarju 12 hija soġġetta għal perijodu ta' prova ta'sitt (6) xhur.

2.4. Peress li din hi posizzjoni ta' natura temporanja u suġġetta għal klawsola 1.5 tal-Memorandum ta' Ftehim iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u l-Għaqda tal-Għalliema ta' Malta fis-26 ta' Mejju 2009, il-pożizzjoni ta' Għalliem Supplimentari taqa' taħt Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss" .

2.5. Ġranet tal-iskola, sigħat u vaganzi jkunu dawk kif stabbiliti fl-"Agreement between the Government of Malta and the Malta Union of Teachers" iffirmat fil-21 ta' Diċembru 2017.

2.6. Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li j/tinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tatterminu definit tiegħu/tagħha, j/tista' j/tapplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa/hija għandu/ha bħalissa.

2.7. L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn ta' l-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

**Salarju marbut mal-pozizzjoni**

3.1. Is-salarju marbut mal-posizzjoni ta' Għalliem Supplimentari jkun skont dan li ġej:

(a) Għalliema Supplimentari li jiġu ngaġġati skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) t'hawn taħt (Kategorija A fil-lista tar-riżultati skont it-termini ta' paragarafu 7.2 t'hawn taħt) jitħallsu l-minimu ta' Skala tas-Salarju 9, li fl-2021 hi ta' €22,633 fis-sena jekk ikunu fuq bażi full-time jew fuq bażi ta' ħlas bis-siegħa pro rata skont Skala tas-Salarju 9 jekk fuq bażi ta' part-time u allowance annwali ta' €650 jew fuq bażi pro-rata, jekk tkun impjegata għalinqas minn sena skolastika waħda;

(b) Għalliema Supplimentari li jiġu ngaġġati skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iv) (Kategorija B fil-lista tar-riżultati skont it-termini ta' paragrafu 7.2 t'hawn taħt) jitħallsu l-minimu ta' Skala tas-Salarju 10, li fl-2021 hi ta' €21,267 fis-sena jekk ikunu fuq bażi full-time jew fuq bażi ta' ħlas bis-siegħa pro rata skont Skala tas-Salarju 10 jekk fuq bażi ta' part-time u allowance annwali ta' €625 jew fuq bażi pro-rata, jekk tkun impjegata għalinqas minn sena skolastika waħda;

(ċ) Għalliema Supplimentari li jiġu ngaġġati skont it-termini ta' paragrafi 5.1(v) (Kategorija Ċ fil-lista tar-riżultati skont it-termini ta' paragarafu 7.2 t'hawn taħt) jitħallsu l-minimu ta' Skala tas-Salarju 12, li fl-2021 hi ta' €18,724 fis-sena jekk ikunu fuq bażi full-time jew fuq bażi ta' ħlas bis-siegħa pro rata skont Skala tas-Salarju 12 jekk fuq bażi ta' part-time u allowance annwali ta' €575 jew fuq bażi pro-rata, jekk tkun impjegata għal inqas minn sena skolastika waħda.

3.2. Għalliema Supplimentari jkunu wkoll intitolati għall-bonus annwali u għal suppliment tad-dħul fil-ġimgħa, kemm jekk fuq bażi full-time kif ukoll fuq bażi pro-rata skont l-għadd ta' sigħat ta' kuntatt u sigħat bla kuntatt maħdumin jekk l-għalliem ikun qed jaħdem fuq bażi part-time, sakemm madankollu dawn ma jkunux diġà qed jitgawdew minnu taħt xi wieħed mill-provedimenti tal-Att tas-Sigurtà Soċjali.

**Dmirijiet**

4. Wieħed jista' jara d-dmirijiet għal din il-posizzjoni ta' Għalliem Supplimentari fl-Anness A li tinsab ma' din iċ-Ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilta'**

5.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i.
   a. ċittadini ta' Malta; **jew**
   b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**
   e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess

regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; **jew**

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u Expatriates fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

**Kategorija A**

(iii)
(a) fil-pussess tagħhom kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta (Masters in Teaching and Learning) fil-livell 7 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 120 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*, li jinkludi 20 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti* fil-prattika ta' tagħlim), jew kwalifika kumparabbli fiċ-ċiklu/suġġett/qasam li applikaw għalih: JEW

(b) fil-pussess tagħhom kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 240 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*, li jinkludi 16 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti* fil-prattika ta' tagħlim u 8 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*, ta' esperjenza fi skola), jew kwalifika kumparabbli fiċ-ċiklu/suġġett/qasam li applikaw għalih: JEW

(ċ) fil-pussess tagħhom kwalifika rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 180 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*) u kwalifika rikonoxxuta fil-pedagoġija fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 60 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti* li jinkludu 12 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti* fil-prattika ta' Tagħlim u 6 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti* ta' esperjenza fi skola), jew kwalifika kumparabbli fiċ-ċiklu/suġġett/qasam li applikaw għalih; JEW

(d) fil-pussess tagħhom kwalifika rikonoxxuta fil-livell 6 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 180 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*) f'liema suġġett ikun, flimkien ma' kwalifika rikonoxxuta (Masters) fil-livell 7 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 60 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*), jew kwalifika kumparabbli fiċ-ċiklu/suġġett/qasam li applikaw għalih; JEW

(e) fil-pussess tagħhom xi wieħed mir-rekwiżiti f'paragrafi 5.1(iii) (a), (b) (ċ) u (d) hawn fuq, imma mhux fis-suġġett/qasam li applikaw għalih, bil-kundizzjoni li jkollhom ċertifikat tal-Matrikola fil-Livell Avvanzat (minimu Grad E) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli fil-livell 4 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 120 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*) fis-suġġett/qasam li applikaw għalih.

(f) Għas-suġġett Edukazzjoni Primarja (Ġenerali) u/jew Edukazzjoni Speċjali (Ġenerali) u/jew Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti, l-applikanti jistgħu japplikaw b'rekwiżiti f'paragrafi 5.1(iii) (a), (b) (ċ) u (d) hawn fuq b'kwalunkwe speċjalizzazzjoni f'ċiklu/qasam/suġġett.

(g) għall-Litteriżmu u n-Numeriżmu, l-applikanti jistgħu japplikaw bi kwalunkwe mir-rekwiżiti f'paragrafi 5.1(iii) (a), (b) (ċ) u (d) hawn fuq bi kwalunkwe speċjalizzazzjoni fiċ-ċiklu / suġġett / qasam bil-kondizzjoni li jkollhom erba' (4) passes fil-Livell Ordinarju ("O" Level grad A-Ċ) u / jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) (MQF Livell 3), jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli, li għandha tinkludi l-Lingwa Ingliża, l-Ilsien Malti, il-Matematika u l-ECDL.

(h) f'każ ta'suġġetti li ġejjin mgħallma fiċ-ċiklu sekondarju: Agribusiness, Teknoloġija tal-Inġinerija, Hairdressing & Beauty, Saħħa u Kura Soċjali, Ospitalità, Teknoloġija tal-Informatika, Media Literacy, Retail, u Moda u Tessuti, l-applikanti jrid ikollhom fil-pussess tagħhom il-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET organizzat mill-MFED. L-applikanti li mhux fil-pussess tal-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET organizzat mill-MFED, xorta jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li jotjenu din il-kwalifika;

(i) L-applikanti kollha li japplikaw taħt paragarafu 5.1(iii) t'hawn fuq jinħtieġ li jkunu eleġibbli għal kisba ta' Warrant ta' Għalliem (Permanenti) maħruġ mill-Kunsill għal Professjoni ta'Għalliem (CTP) skont artiklu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

Kull referenza għall-kwalifika ta' Tagħlim jew kwalifika/kors pedagoġiku msemmi hawn fuq trid tkun skont it-tabella li tinstab f'Appendiċi A u tkun meqjusa komparabbli mis-CTP skont it-termini ta' Artiklu 24 (2) (d) (iv) tal-Att dwar l-Edukazzjoni. Min għandu Baċċelerrat fl-Edukazzjoni jew PGCE jew MTL maħruġ mill-Università ta' Malta, huma eżentati milli jipprovdu l-komparabbiltà.

Kull referenza għal kwalifika rikonoxxuta ta' Tagħlim jew kors ta' Pedagoġiku (Appendiċi A) msemmi hawn fuq, tista' tarahom billi taċċessa dan il-link:
https://education.gov.mt/en/vacancies/Documents/Appendix%20A%20-%20Recognised%20Teaching%20qualifications%202021.pdf.

**Kategorija B**

(iv)
Jekk ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn applikanti eleġibbli skont paragarafu 5.1(iii) t'hawn fuq u/jew ma jkunx hemm biżżejjed kandidati li kkwalifikaw, l-eleġibbiltà tiġi estiża għal dawk l-applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom:

(a) kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 180 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*) flimkien ma' kwalifika rikonoxxuta (Masters) fil-livell 7 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 60 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*), jew kwalifika komparabbli fiċ-ċiklu/suġġett/qasam li applikaw għalih; JEW

(b) kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 180 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*), jew kwalifika komparabbli fiċ-ċiklu/suġġett/qasam li applikaw għalih; JEW

(ċ) kwalunkwe mill-kwalifiċi msemmijin f'paragarafi 5.1(iv) (a) jew (b) hawn fuq, imma mhux fis-suġġett/qasam li applikaw għalih, bil-kondizzjoni li jkollhom ċertifikat tal-Matrikola fil-Livell Avvanzat tal-livell 4 tal-MQF (minimu Grad E) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli fil-livell 4 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 120 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, fis-suġġett/qasam relatat li applikaw għalih.

(d) għas-suġġett Edukazzjoni Primarja (Ġenerali) u/jew Edukazzjoni Speċjali (Ġenerali) u/jew Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti, l-applikanti jistgħu japplikaw b'rekwiżiti f'paragrafi 5.1(iv) (a) and (b) hawn fuq b'kwalunkwe speċjalizzazzjoni f'ċiklu/qasam/suġġett.

(e) f'każ ta'suġġetti li ġejjin mgħallma fiċ-ċiklu sekondarju: Agribusiness, Teknoloġija tal-Inġinerija, Hairdressing & Beauty, Saħħa u Kura Soċjali, Ospitalità, Teknoloġija tal-Informatika, Media Literacy, Retail, u Moda u Tessuti, l-applikanti irid ikollhom fil-pussess tagħhom il-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET organizzat mill-MFED. L-applikanti li mhux fil-pussess tal-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET organizzat mill-MEDE, xorta jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li jotjenu din il-kwalifika;

(f) għall-Litteriżmu u n-Numeriżmu, l-applikanti jistgħu japplikaw bi kwalunkwe mir-rekwiżiti f'5.1 (iv) (a) u (b) hawn fuq bi kwalunkwe speċjalizzazzjoni fiċ-ċiklu / suġġett / qasam bil-kondizzjoni li jkollhom erba' (4) passes fil-Livell Ordinarju ("O" Level grad A-Ċ) u / jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) (MQF Livell 3) jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli, li għandha tinkludi l-Lingwa Ingliża, l-Ilsien Malti, il-Matematika u l-ECDL.

(g) Fil-każ tad-Disinn u Teknoloġija, l-eliġibbiltà hija estiża għall-applikanti li minbarra r-rekwiżiti fil-klawsola 5.1, għandhom kwalifiki fil-Livell 6 tal-MQF fil- Product Design, Mechanical Engineering, Electronics Engineering, jew Livell 4 tal-MQF fil-Fiżika jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli xierqa f'dan kollu t'hawn fuq. Din l-estensjoni hija suġġetta li jekk l-applikanti ma jippreżentawx units ta' kwalifikazzjoni relatati mal-oqsma kollha li ġejjin: Teorija tal-Elettronika, Esperjenza tal-manifattura tal-Workshop, teorija tal-prinċipji mekkaniċi u Komunikazzjoni Grafika mill-inqas fil-livell 3 tal-MQF, huma soġġetti li jattendu jew ifittxu taħriġ estern sabiex jiġu kkunsidrati jew ikkonfermati fil-pożizzjoni tagħhom.

**Kategorija Ċ**

(v)
Jekk ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn applikanti eleġibbli skont paragarafi 5.1 (iii) u (iv) t'hawn fuq u/jew ma jkunx hemm biżżejjed kandidati li kkwalifikaw, l-eleġibbiltà tiġi estiża għal dawk l-applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom:

(a)
(i) Higher/Advanced Diploma rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 60 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*) fis-suġġett/qasam li qed japplika għalih, jew kwalifika komparabbli; U

(ii) erba' (4) passes fil-Livell Ordinarju ("O" Level grad A-Ċ) u/jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) (MQF Livell 3) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, li jrid jinkludu l-Lingwa Ingliża, il-Lingwa Maltija u l-Matematika; JEW

(b)
(i) żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola (minimu grad E) (MQF livell 4) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, fejn wieħed mis-suġġett fil-Livell Avvanzat (MQF Livell 4) tal-Matrikola (minimu grad E) jew Award fil-Livell 4 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 30 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, irid ikun fis-suġġett/qasam li qed japplika għalih; U

(ii) erba' (4) passes fil-Livell Ordinarju ("O" Level grad A-Ċ) u/jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) (MQF Livell 3) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, li irid jinkludu il-Lingwa Ingliża, il-Lingwa Maltija u l-Matematika; JEW

(ċ)
(i) kwalifika fil-Livell 4 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 120 ECTS/ECVET credits jew ekwivalenti*) fis-suġġett/qasam li applikajt għalih jew, kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli; u

(ii) erba' (4) passes fil-Livell Ordinarju ("O" Level grad A-Ċ) u/jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) (MQF Livell 3) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, li jrid jinkludu l-Lingwa Ingliża, il-Lingwa Maltija u l-Matematika;

(d) Fil-każ tal-Edukazzjoni Fiżika, l-eleġibbiltà tkun estiża għal dawk l-applikanti li kisbu MQF Livell 4 fl-Isports U erba' (4) passes fil-Livell Ordinarju (Grad A–C) u/jew Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC Grad 1-5) (MQF Livell 3) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, li jridu jinkludu l-lingwa Ingliża, il-lingwa Maltija u l-Matematika.

(e) Fil-każ tal-Engineering Drawing/Computer Aided Design (CAD), applikanti li qagħdu għall-eżamijiet tal-A Level (MQF Livell 4) tal-Engineering Drawing fl-2010 jew qabel, iridu jippreżentaw ċertifikat tal-Matrikola fil-Livell Avvanzat (minimu Grad E) (MQF Livell 4) fl-Engineering Drawing u ċertifikati tas-City and Guilds Livell 2D u 3D fil-Computer Aided Design jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli. Kandidati li qagħdu għal-Livell Avvanzat (MQF Livell 4) mill-2011 'il quddiem iridu jippreżentaw biss iċ-ċertifikat tal-Livell Avvanzat fl-Engineering Drawing billi dan sar jinkludi komponenti mill-CAD.

(f) Fil-każ ta' Edukazzjoni Primarja (Ġenerali) u / jew Edukazzjoni Speċjali (Ġenerali) u / jew Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti, l-applikanti jistgħu japplikaw biss bir-rekwiżiti f'5.1 (iv) (a) (i) u (ii) f'ECEC.

(g) F'każ ta'suġġetti li ġejjin mgħallma fiċ-ċiklu sekondarju: Agribusiness, Teknoloġija tal-Inġinerija, Hairdressing & Beauty, Saħħa u Kura Soċjali, Ospitalità, Teknoloġija tal-Informatika, Media Literacy, Retail, u Moda u Tessuti, l-applikanti jrid ikollhom fil-pussess tagħhom il-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET organizzat mill-MFED. L-applikanti li mhux fil-pussess tal-kors fit-Tagħlim u l-Assessjar tas-suġġetti tal-VET organizzat mill-MEDE, xorta jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li jotjenu din il-kwalifika;

(h) għall-Litteriżmu u n-Numeriżmu, l-applikanti jistgħu jkollhom xi wieħed mir-rekwiżiti msemmija taħt il-Kategorija Ċ (v) bi kwalunkwe speċjalizzazzjoni fiċ-ċiklu / suġġett / qasam bil-kondizzjoni li jkollhom erba' (4) passes fil-Livell Ordinarju ("O" Level grad A-Ċ) u / jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) (MQF Livell 3), jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli, li għandha tinkludi l-Lingwa Ingliża, l-Ilsien Malti, il-Matematika u l-ECDL.

(i) Fil-każ tad-Disinn u Teknoloġija, l-eliġibilità hija estiża għall-applikanti li minbarra r-rekwiżiti fil-klawsola 5.1, għandhom kwalifiki fil-livell 5 tal-MQF fil-Product Design, Mechanical Engineering, Electronics Engineering, jew Livell 4 tal-MQF fil-Fiżika jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli xierqa f'dan kollu t'hawn fuq. Din l-estensjoni hija suġġetta li jekk l-applikanti ma jippreżentawx units ta' kwalifikazzjoni relatati ma' l-oqsma kollha li ġejjin: Teorija Elettronika, Esperjenza tal-manifattura tal-Workshop, teorija tal-prinċipji mekkaniċi u Komunikazzjoni Grafika mill-inqas fil-livell 3 tal-MQF, huma soġġetti li jattendu jew ifittxu taħriġ estern sabiex biex jiġu kkunsidrati jew ikkonfermati fil-pożizzjoni tagħhom.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentarja dwar l-ECTS/ECVET kretti jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 6/8/12/16/20/30/60/120/180/240 ECTS/ECVET kretti (skont kif applikabbli). Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

5.2. Kwalifiċi li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eleġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiċi msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiċi msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-krediti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta'studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eleġibbilità ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awotrità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 – 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippublikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew l-HR Unit tal-mininteru / dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppublikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel f'paragrafu 9.1). Kwalifiki tat-Tagħlim mhux maħruġa mill-Università ta' Malta, iridu jkunu meqjusa komparabbli mis-CTP skont it-terrmini ta' Artiklu 24 (2) (d) (iv) tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

5.7. L-applikanti kollha eleġibbli taħt paragrafi 5.1 iridu japplikaw għall-warrant temporanju onlajn jew iġeddu l-warrant temporanju tagħhom permezz tal-link li ġejja:
https://education.gov.mt/en/teachingprofession/Pages/CTP.aspx.
Il-warrant temporanju dejjem jiskadi fil-31 ta' Awwissu u għandu jiġġedded kull sena skolastika.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

6.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-edurecruitment portal https://edurecruitment.gov.mt.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

7.1. L-applikanti eleġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiddetermina kemm huma adattati għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 800 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 400. Bħala parti mill-intervista persuni eleġibbli huma mistennija li:

a. tagħmel preżentazzjoni diġitali ta' 5 sa 7 minuti bl-Ingliż fejn turi l-abbiltà sħiħa fil-pedagoġija u fl-assesjar f'ambjent inklussiv fil-qasam/suġġett/ċiklu li applikajt għalih;

b. turi għarfien professjonali, kompetenzi u attitudnijiet permezz ta' studju/i(każ/ijiet) u numru ta' mistoqsijiet bil-Malti.

7.2. Kandidat magħżul li japplika skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) t'hawn fuq, jitqiegħed f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija A. Dawk li jkunu qed japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(iv) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija B u dawk li jkunu qed japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(v) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija Ċ.

7.3. Il-kandidati magħżulin, li japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) t'hawn fuq, jingħataw preferenza fuq kandidati magħżulin li japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iv) t'hawn fuq u dawn tal-aħħar, fil-każ tagħhom, jingħataw preferenza fuq applikanti magħżulin li japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(v) hawn fuq. B'hekk, l-applikanti li japplikaw taħt paragrafi 5.1(iii), (iv) u (v) jiġu kkunsidrati biss la darba l-ordni tal-mertu ta' Kategorija A li hemm referenza għaliha f'paragrafu 7.2, tkun ġiet eżawrita u jekk ikun fadal xi postijiet vaganti.

7.4. B'hekk, listi ta' riżultati separati jiġu ppubblikati skont l-ordni tal-mertu tas-ċiklu/suġġett/qasam msemmi f'paragrafu 1.2 hawn fuq, u skont sezzjoni 5.1, u paragrafi 7.2 u 7.3. Il-lista tar-riżultati tibqa' valida għal sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

8.1. L-applikanti jistgħu japplikaw għal aktar minn waħda mill-għażliet imsemmija f'paragrafu 1.2 hawn fuq, billi japplikaw separatament għal kull suġġett/ċiklu/qasam. Madankollu, hija l-prerogattiva tal-MFED li jagħżel liema suġġett/i u/jew ċiklu/i joffri lill-kandidati magħżulin, skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u l-MFED.

8.2. L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni permezz tal-Online Recruitment Portal tal-Edukazzjoni biss fuqhttps://edurecruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **17:15 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 08 t'April 2022** Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

8.3. Madankollu, minħabba l-esiġenzi tal-MFED, il-proċess tal-għażla għall-ewwel jikkunsidra applikazzjonijiet li jkunu waslu sa **17:15 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 03 ta' Mejju 2021**. Dawk l-applikanti magħżulin f'kull ċiklu/suġġett/qasam jitqiegħdu f'lista ta' ordni tal-mertu li tibqa' valida għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

Madankollu, jekk l-ordni tal-mertu tiġi eżawrita minħabba vakanzi addizzjonali fis- ċiklu/suġġett/qasam imsemmi f'paragrafu 1.2, applikanti oħra jistgħu jiġu assessjati mingħajr il-ħruġ ta' sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet, sakemm ikun ssottomettew l-applikazzjoni sa **17:15 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 08 t'April 2022**. Jekk teħtieġ assistenza ġentilment ikkuntattja Edu Servizz.gov fuq in-numru 153.

8.4. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.5. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.6. Applikanti jingħataw sa żewġ ġranet tax-xogħol (2) wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ ġranet tax-xogħol (2) mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

8.7. L-applikanti li jiġu offruti impjieg mal-MFED għandhom jissottomettu applikazzjoni ta' warrant temporanju onlajn jew iġeddu l-warrant temporanju tagħhom permezz tal-link li ġejja:
https://education.gov.mt/en/teachingprofession/Pages/CTP.aspx.
Il-warrant temporanju dejjem jiskadi fil-31 ta' Awwissu u għandu jiġġedded kull sena skolastika.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;

- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta’ dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz

https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf.

Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.